26.06.2017

# Applied Nostalgia: Better Together

"…il-wirja [hija] portafoll ta' evidenza, li turi l-isforzi tas-Serbja sabiex tinteraġixxi ma' Stati Membri tal-UE fil-mixja tagħhom lejn l-adeżjoni tal-UE."

Dalgħodu, fl-10.00 tat-Tnejn 26 ta' Ġunju 2017, iċ-Chargée d'affaires a.i, il-Ministru Kunsillier Tatjana Garčević f'isem l-Ambaxxata tar-Repubblika tas-Serbja f'Ruma u s-Segretarju Permanenti Joseph Camilleri f'isem il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, inawguraw il-wirja *Applied Nostalgia* fis-Soċjetà Maltija tal-Arti fil-Belt Valletta.

*Applied Nostalgia* hija wirja kollaborattiva tal-arti bejn il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2017 u l-Uffiċċju Serb għall-Integrazzjoni Ewropea, fejn dan tal-aħħar ilu jorganizza flimkien mal-Presidenzi kollha tal-UE għal dawn l-aħħar 10 snin. F'dan il-każ, il-fotografu Serb Aleksandar Knežević żar u ħa ritratti tal-Belt Valletta, u l-fotografu Malti Mark Pace għamel l-istess f'Belgrad. L-idea kienet li wieħed iħares lejn belt barranija permezz tal-element tax-xebh – it-tfittxija similaritajiet komuni fl-irqaqat tad-dettall mal-belt kapitali tal-pajjiż tal-fotografu. Dan wassal għal kollezzjoni mill-isbaħ ta' pari fotografiċi li juru differenzi kbar u s-similaritajiet mistura bejn iż-żewġ ibliet.

Waqt il-messaġġ tal-ftuħ tagħha, iċ-Chargée d'affaires Garčević iddeskriviet il-wirja bħala portafoll ta' evidenza, li turi l-isforzi tas-Serbja sabiex tinteraġixxi ma' Stati Membri tal-UE fil-mixja tagħhom lejn l-adeżjoni tal-UE. Qalet li issa, iktar minn qatt qabel, huwa ċar li s-Serbja tappartjeni fl-UE. Iċ-Chargée d'affaires Garčević ikkonkludiet il-messaġġ tagħha billi rringrazzjat lil Malta għall-kollaborazzjoni kif ukoll għall-ħidma intensiva u l-kisbiet imwettqa waqt il-Presidenza Maltija tal-UE 2017, billi stqarret li 4 mill-10 dossiers dwar l-adeżjoni tas-Serbja nfetħu matul dan it-terminu.

Is-Segretarju Permanenti Camilleri fetaħ id-diskors tiegħu b'introduzzjoni qasira dwar l-importanza li l-kultura u l-arti jerġgħu jingħaqdu, waqt li feraħ liż-żewġ fotografi għall-ħidma kbira tagħhom, u rringrazzja lil dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazzjoni tal-avveniment, kif ukoll fil-programm kulturali tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE 2017 b'mod ġenerali. Fuq il-kliem taċ-Chargée d'affaires Garčević, is-Sur Camilleri tkellem fil-qosor dwar il-kisbiet politiċi li huma r-riżultat tax-xogħol imwettaq waqt il-Presidenza Maltija tal-UE 2017, li se jolqot direttament l-adeżjoni tas-Serbja mal-UE, u ddikjara li din il-wirja tkompli turi li r-riżultati jkunu dejjem aħjar meta naħdmu flimkien.

**26.06.2017**

Il-fotografu lokali Mark Pace rringrazzja lil dawk kollha li attendew għall-ftuħ, kif ukoll lill-Uffiċċju Serb għall-Integrazzjoni Ewropea u l-Presidenza Maltija tal-UE 2017 għal din l-opportunità. Qabel ma dawwar lil dawk preżenti mal-wirja, ikkonkluda billi qal li rabat qalbu ma' Belgrad u li żgur se jerġa' jżur il-pajjiż fil-futur.

## 26.06.2017






https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/34735220343/in/album-72157682200450082/
https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35157408320/in/album-72157682200450082/